# Tribunal Industrijali

Decizjoni Numru

Kaz Numru 2259

Fil-kwistjoni tax-xoghol

bejn

Josef Pace

u

Joseph Deguara f'ismu personali u ghan-nom tad-ditta Jack Frost

Dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hija ngusta

Data: 22 ta' Settembru,2005

Chairperson: Av. Dr. Audrey Demicoli

## Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal minn Josef Pace permezz ta' Rikors prezentat fit-22 ta' Frar 2005 fejn l-appellant sostna li t-tkeccija tieghu mill-impjieg mal-intimat pro et nomine ma saritx ghal raguni valida skond il-ligi u ghalhekk talab li l-kaz tieghu jinstema' minn dan it-Tribunal sabiex tinghata decizjoni finali skond il-ligi fir-rigward. L-initmat pro et nomine nonostante li gie debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, naqas milli jipprezenta dikjarazzjoni tal-kaz fit-terminu lilu preskritt u milli jidher quddiem it-Tribunal fl-udjenzi iffissati.

It-Triibunal ha konjizzjoni tad-Dikjarazzjoni tal-Kaz prezentata mill-appellant u sema' x-xhieda tal-istess appellant. Mill-provi minnu prodotti jirriuzulta soddisfacentement pruvat li l-impjieg tieghu, li gie terminat fit-13 ta' Far 2005, ma giex terminat ghal raguni valida u skond il-ligi.

## Decizjoni

It-Tribunal jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant Josef Pace mill-intimat pro et nomine ma saritx ghal raguni valida u sufficcjenti skond il-ligi.

**Kumpens**

Ic-cirkostanzi tal-kaz jindikaw li m'hemmx lok li jiig ordnat re-instatement u t-Tribunal qieghed ghalhekk jillikwida l-kumpens pagabbli lill-appellant mill-intimat pro et nomine fl-ammont ta' Lm1,000.00 (elf lira Maltin), liema ammont ghandu jithallas sa zmien ghaxart ijiem mill-llum.

**Drittijiet**

Ghall-iskop tal-Avviz Legali Numru 48 tal-1986 it-Triiibunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-appellant fl-ammont ta' Lm40.00.

**Dr. Audrey Demicoli**
**Chairperson**